MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 34

It-Tnejn, 17 ta' April, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (5)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

34.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

34.2.1.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 33.2.1.3 li tirrigwardja bust ta' San Ġorġ Preca f'Misraħ San Ġorġ Preca. Huwa informa li tkellem ma' perit, u baqa' biss li l-Kunsill jaghti il-lokazzjoni eżatta sakemm ikun jista' jipproċedi.

34.2.1.3. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal materja 33.13.3 li tirrigwardja l-Għana Fest u infurmat li din ġiet posposta għad-29 ta' Ġunju 2017.

34.2.1.4. Il-Kunsillier SZ – għamel referenza għal materja 33.2.1.3, rigward *Belishia Lights* f'Misraħ San Gorg, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma rċeviex risposta.

34.2.1.5. Il-Kunsillier SZ – għamel referenza għal materja 33.3.2.2 rigward fondi tal-Freeport versu l-proġett ta' Skatepark. Huwa kien infurmat li dawn huma addizzjonali.

34.2.1.6. Il-Kunsilliera SZ għamel referenza għal materja 33.11.1– li tirrigwarda *dredging* u staqsa jekk hemmx iktar informazzjoni. Huwa kien infurmat li saret laqgħa ma' Uffiċjali ta' Transport Malta, fejn ġie sejagat li dan huwa xogħol b'urġenza u li jirrikjedi sa massimu ta' 3 t'ijiem, u li l-Kunsill ser ikun infurmat b'kull żvilupp.

34.2.1.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 33.12.4 li titratta l-ispazju ta' parkeġġ f'Misraħ San Ġorġ Preca u informa li l-abbuż naqas wara azzjonijiet ta' infurzar.

34.2.1.8. Il-Kunsillier SZ – għamel referenza għal materja 33.15.2 li tirrigwardja l-bankina fil-Bajja s-Sabiħa bejn Triq iż-Żibra u Triq Profs Anton Tabone, u irrimarka dwar il-bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku informa li dan ser ikun qed isir fil-granet li ġejjin mill-ħaddiema tar-Reġjun.

34.2.1.9. Il-Kunsillier għamel referenza għal materja 33.15.8.1 li titratta l-asfaltar ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa u staqsa jekk kienx hemm żviluppi, u żied jgħid li taħt l-istess triq hemm partijiet tar-*retaining wall* li ghandhom bżonn manutenzjoni urġenti. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna r-rapport tal-Perit Carmel Cacopardo, u li l-Kunsill ser ikun qed jaħdem mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar il-bżonn ta' manutenzjoni tar-*retaining wall.*

34.2.1.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 33.12.3, li tirrigwardja stallazzjoni ta' tabelli ta' *School Ahead* jew għeluq tat-toroq madwar l-iskola rispettivament. Il-Kunsill innota li l-pulizija dejjem ikunu preżenti u għaldaqsant twaħħil ta' tabelli għandu jkun biżżejjed. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru iktar railings sabiex tiżdied is-sigurta'.

**NB 5.45 pm. Il-Kunsillier HS attenda għal laqgħa**

34.2.1.11. Is-Sindku JC għamel referenza għal materja 33.12.5 li tirrigwardja proposta ta' bdil ta' isem ta' Misraħ il-Knisja għal Misraħ San Pietru, u informa li l-Kunsill irċieva oġġezzjoni mir-residenti kollha. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li ma jipproċediex b'dan il-bdil. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra fejn jiġu infurmati b'dan.

## 34.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

34.3.1. Is-Sindku informa dwar laqgħa li saret mal-GHRC, Dirigenti tal-Freeport, u uffiċjali ta' Project Plus fejn il-Kunsill ġie mgħarraf dwar l-intenzjoni li titkompla l-promenade u jsir ġnien minflok il-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa huwa spjega li l-lokalita' għandha bżonn spazju ta' parkeġġ u talab li jsir spazju ta' parkeġġ taħt l-iżvilupp li qed jipproponu huma. Huwa informa li kif Projects Plus jgħaddu l-pjanti tal-proġett, dawn jiġu iċċirkolati mal-membri tal-Kunsill.

34.3.2. Is-Sindku tkellem dwar il-*culvert* li kien propost mill-perit responsabbli mill-iżvilupp tal-WaterPolo Pitch fejn wara li ġie studjat bir-reqqa dan ix-xogħol, kien hemm il-qbil li ma hemmx bżonnu, u għalhekk mhux ser isir.

34.3.3. Is-Sindku tkellem dwar l-istruttura tal-ġostra li tinsab fil-Bajja s-Sabiħa viċin il-piċċ tal-Waterpolo, u li l-Kunsill kien qabel li din titneħħa. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bid-deċiżjoni preċedenti, u jibda x-xogħol sabiex titneħħa.

34.3.4. Is-Sindku tkellem dwar id-diffikulta' li qed tinstab sabiex jinżammu l-klassijiet ta' eżerċizzju fiżiku mill-Health Promotion Department. Huwa fakkar li s-sala tal-Kunsill mhijiex kbira biżżejjed u ġie offrut spazju pubbliku. Wara li sar l-arranġament dwar dan, il-parteċipanti ilmentaw. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu trasferiti fl-iskola.

34.3.5. Permezz ta' e-mail, mingħand is-Sur Lino Bartolo fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jipparteċipa fl-Wirja Annwali tal-Ortikultura.

34.3.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa kif għamel fis-snin ta' qabel.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.4.1. Il-Kunsillier HS għamel referenza għal rimi ta' skart b'mod illegali, f'art privata fi Triq l-Iżbark tat-Torok, il-Qajjenza.

34.4.1.1. Is-Sindku JC informa li din hija art privata u għalhekk il-Kunsill ma jistax jidħol inaddaf. Nelfrattemp huwa informa li ser issir riċerka dwar is-sid, u jintalab li jgħolli l-ħajt.

34.4.2. Il-Kunsillier HS għamel referenza għal spazju rikreattiv ta' bandli ta' fejn l-iskola, u staqsa dwar possibilta' li jiġi modernizzat.

34.4.2.1. Is-Sindku JC informa li qed iżomm taħdidiet sabiex tinġab għajnuna finanzjarja mill-Isvezja għal dan il-proġett.

34.4.3. Il-Kunsilleri HS staqsa dwar il-possibilta' li jsir qtugħ ta' ħaxix ħazin minn Bengħisa.

34.4.3.1. Is-Sindku ikkonferma li l-proċess beda, iżda waqaf temporanjament minħabba prijoritajiet oħra. Huwa żied jgħid li ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

34.4.4. Il-Kunsillier HS staqsa meta ser jingħata t-tarmac fi Triq il-Qajjenza.

34.4.4.1. Is-Sindku informa li x-xogħol miexi kif programmat. Huwa informa li bħalissa qed isiru l-bankini u l-asfaltar għandu jsir wara.

34.4.5. Il-Kunsilleri AC għamel referenza għas-sistema tat-traffiku ta' Triq il-Batterija u t-toroq tal-madwar il-Qajjenza u staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament.

34.4.5.1. Is-Sindku JC informa li saret laqgħa mal-membri tal-Kumitat għall-Qajjenza Aħjar u intalbu jissottomettu pjan ħolistiku ta' traffiku.

34.4.5.2. Il-Kunsillier JB qal li apparti li tali pjan għandu jkun ta' benefiċċju għal komunita' kollha, u għalhekk għandu jkun ikkonsultat mar-residenti kollha, huwa ma jaqbilx li tinbidel is-sistema tat-traffiku kollha la darba il-pjan eżistenti jaħdem tajjeb għax jinħolqu problemi bla bżonn.

34.4.5.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jistenna r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat imsemmi u sussegwentament jiddiskuti.

34.4.6. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk kienx hemm xi kambjamenti fid-delegi, partikolarment ir-responsabilta' tal-għaqdiet għax waslitilha informazzjoni li membru ieħor tal-Kunsill qed jgħid li r-responsabilta' hija tiegħu/tagħha.

34.4.6.1. Is-Sindku informa li ma kien hemm ebda kambjament, u l-Għaqdiet huma responsabilta' tal-Kunsiliera JBD.

34.4.6.2. Is-Sindku talab lil Kunsilliera JBD tgħaddilu iktar informazzjoni iktar tard.

34.4.7. Il-Kunsillier SZ qal li Triq tal-Ġebel u Wied il-Qoton għandhom bżonn patching minħabba li qegħdin fi stat ħażin.

34.4.7.1. Is-Sindku JC informa li ħarġu l-ordnijiet ta' xogħol sabiex isir il-*patching*.

34.4.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-attivita' imtella' tal-Irxoxt u rrimarka li kienet suċċess. Huwa rringrazzja pubblikament lil dawk kollha involuti, kif ukoll lil isponsor tal-figolli, allavolja ma kienetx attivita' tal-Kunsill

34.4.8.1. Is-Sindku JC ikkonferma li l-attivita' ma kienetx waħda tal-Kunsill, minħabba li ċ-ċirkostanzi ma ppermettewx.

34.4.8.2. Il-Kunsillier AC qal li l-każin involut anke kien xtaq li l-istatwa tgħaddi lil Knisja sabiex il-festa issir ta' kullħadd u mhux ta' każin, iżda l-offerta ma ġietx milqugħa.

34.4.8.3. Is-Sindku informa li ser ikompli jaħdem sabiex din l-attivita' tissaħħaħ.

## 34.5 Rapporti

**NB: 6.25 pm    Il-Kunsillier JB talab li jkun skużat.**

34.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*balance sheet* għax-xahar ta’ Frar 2017. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier HS, favur l-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

34.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*balance sheet* għax-xahar ta’ Marzu 2017. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier HS, favur l-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

34.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzarju tal-ewwel kwart tas-sena 2017, li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Marzu 2017.

34.5.3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li matul dan il-perjodu l-Kunsill irnexxielu jikseb riżultat pożittiv iktar minn dak mistenni.

34.5.3.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsilliera JBD, favur l-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

**NB: 6. 30pm    Il-Kunsillier JB attenda għal laqgħa.**

34.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Ittra tal-Uditur (Management Letter) kif ukoll ir-risposta abbozzata għal tali ittra.

34.5.4.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsilliera LG, favur l-approvazzjoni tar-risposta tal-*Management Letter*, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 34.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

34.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

34.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 04/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

34.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier HS u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’

kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

34.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-Petty Cash għal Marzu bir-riferenza 03/2017 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

34.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 34.8 Mozzjonijiet;

34.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 34.9 Ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ;

34.9.1. Is-Sindku fakkar li wara r-riżenja tas-Sinjorina Amanda Vella, infetħu l-applikazzjonijiet għal dan il-post vakanti.

34.9.2. Is-Sindku informa li sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda, dik tas-Sinjorina Michaela Maria Chirchop.

34.9.3. Il-Kunsillier AC, ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier JB, sabiex l-Kunsill jaħtar lis-Sinjorina Chircop, bħala Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 34.10 Proposti ta' Bye-laws;

34.10.1. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jikkunsidra l-introduzzjoni ta' żewġ Bye-laws, waħda li titratta "Użu ta' Faċilitajiet tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa" u oħra li tirrigwardja "Attivitajiet fil-Piċċ tar-Ramel tal-Bajja s-Sabiħa", skont l-abbozzi li ġew iċċirkolati mal-avviż ta' din il-laqgħa.

34.10.2. Il-Kunsill qabel li l-Bye-laws jiġu ppubblikati għad-diskussjoni tal-pubbliku, u l-Kunsill jiddiskutihom fil-laqgħa li jmiss.

## 34.11 Clothes Bank fil-Qajjenza;

34.11.1. Is-Sindku JC informa dwar talba mill-operatur tal-*Clothes Bank* sabiex isir reċipjent fil-Qajjenza, minħabba li din iż-żona mhix servuta.

34.11.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir waħda, fi Triq F.M. Ferretti.

## 34.12 Espressjoni t'Interess- Kera ta' Garaxx.

34.12.1. Is-Sindku JC informa li wara d-data tal-għeluq, fil-preżenza ta' żewġ membri tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv, infetħu l-offerti. Huwa informa li ġiet sottomessa offerta waħda u li tilħaq il-kriterji mitluba mill-Kunsill, bil-prezz tal-kiri jkun ta' €3,400 fis-sena, għal 5 snin.

34.12.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva unanimament li jikri l-garaxx imsemmi, u nelfrattemp jibdew il-proċeduri biex titwaqqaf il-kirja tal-garaxx ta' Triq Santa Marija.

## 34.13 Talba għal No Objection – Gabbana f'Wied il-Buni

34.13.1. Is-Sindku tkellem dwar talba riċevuta mis-Sur Vincent McIntyre għal *no objection* għal tpoġġija ta' gabbana temporanja fuq il-pjattaforma tal-konkos f'Wied il-Buni viċin il-latrina pubblika, liema gabbana ser tkun fuq ir-roti, u tintrama kull ġurnata bejn Mejju u Ottubru bejn is-7.00am u nofsillejl.

NB: 6.48 pm: Is-Sindku talab sospensjoni tal-l-laqgħa li ġiet xolta.
6.55 pm: Il-Laqgħa tkompliet.

34.13.2. Il-Kunsill iddiskuta t-talba iżda ma qabilx li tinħareġ *no objection* għal tpoggija ta' gabbani fuq il-bajja jew il-promenade.

34.13.3. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier HS favur l-ħruġ ta' no objection sabiex l-applikant jingħata *no objection sabiex* ikun jista jarma' fi spazju ta' parkeġġ f'Misraħ is-Summit, biswit l-ispazju ta' parkeġġ riservat, bejn il-latrina pubblika u t-terminus tat-trasport pubbliku, sakemm ikollu l-permessi necessarji.

## 34.14 Talba ghal No Objection – Gabbana fil-Bajja s-Sabiħa

34.14.1. Is-Sindku tkellem dwar talba riċevuta mis-Sur Shaun Farrell dwar proġett li jirrigwardja tpoġġija ta' gabbana fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa talab *no objection* li tali proġett ikun inkluż fil-proġett ta' Projects Malta, li jkopri r-riġenerazzjoni ta' Birżebbuga.

34.14.2. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jingabu iktar dettalji dwar x'inhuwa l-proġett, u sussegwentament jagħti l-veduti tiegħu.

## 34.15 Talba permess ghal Tpoġġija ta' Tinda fit-triq il-Bajja s-Sabiħa

34.15.1. Is-Sindku tkellem dwar talba riċevuta mis-Sur Matthew Carabott dwar stallazzjoni ta' tinda fuq iż-żona li għaliha diġa' għandu l-permessi tal-Awtoritajiet koncernati għal tpoġġia ta' mwejjed u siġġijiet. Is-Sur Carabott ikkonferma li tali tinda mhux ser tkun qed tostakola l-bankina bl-ebda mod minħabba li din ser tkun imdendla minn mal-faċċata tal-propjeta' tiegħu.

34.15.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier HS favur il-ħruġ ta' tali no-objection bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 34.16 Kuntratt Bulky Refuse

34.16.1. Is-Sindku tkellem dwar il-Kuntratt eżistenti għal servizz ta' ġbir ta' Skart Goff.

34.16.2. Is-Sindku qal li s-servizz moghti mill-Kuntrattur, huwa wieħed tajjeb, madankollu, sabiex il-Kunsill inaqqas l-ispejjeż, dan ix-xogħol jista' jibda jsir permezz tal-Kuntratt li l-Kunsill għandu għal servizz ta Tipper Truck u jintużaw il-ħaddiema tal-Kunsill.

**NB** **19.10: Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa.**
**19.20. Il-Laqgħa tkompliet.**

34.16.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jibdew il-proċeduri sabiex jiġi sospiż b'mod indefenit il-Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff u x-xogħol jibda jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 34.17 Funtani Promenade ta' Wied il-Buni

34.17.1. Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir fuq diversi ħitan madwar il-promenade ta' Wied il-Buni. Huwa ppropona li fil-ħwat ta' bejn il-latrina u l-Lukanda Water's Edge, jitpoġġew żewġ funtani, simili ta' dawk li qed jitpoġġew fi Ġnien l-Indipendenza.

34.17.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsiru 2 funtani, waħda f'kull ħawt.

## 34.18 Attivitajiet tal-Festa San Pietru 2017.

34.18.1. Is-Sindku tkellem dwar ittra riċevuta minn Dun Anton Galea-Scannura, Kappillan tal-Parroċċa, li tirrigwardja r-rilokazzjoni tal-istatwa ta' San Pietru li tittella' mis-Soċjeta' Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Fil-korrispondenza, huwa informa li kien hemm qbil bejn il-baned li l-istatwa tintrama fit-tarf is-Central Strip fi Triq Birżebbuġa. Il-Kappillan talab il-permess u l-għajnuna tal-Kunsill.

34.18.1.1. Il-Kunsill qabel li joffri l-ghajnuna u s-sapport tiegħu.

34.18.2. Is-Sindku tkellem dwar ittra riċevuta mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuga. A.D 1957, li tittratta koordinazzjoni ta' għeluq ta' toroq marbuta man-nar tal-art tal-Festa 2017.

34.18.2.1. Il-Kunsill innota li tali għeluq jaffettwa fin-negattiv lil parti kbira ta' residenti li joqogħdu f'dawk l-inħawi.

34.18.2.2. Il-Kunsillier JB ippropona li n-nar tal-art jiġi trasferit lejn ix-xatt u b'hekk ma jkunx hemm il-bżonn li tingħalaq Triq il-Brolli.

**NB: 19.34 – Is-Sindku talab li l-laqgħa tiġi sospiża.**
**19.41 – Il-Laqgħa tkompliet**

34.18.2.3. Il-Kunsill qabel li tinżamm laqgħa ma' rappreżentanti tal-każin tal Banda Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, sabiex jiġu diskussi alternattivi differenti ta' armar ta' nar..

## 34.19 Triq Birżebbuġa.

34.19.1. Is-Sindku informa dwar suġġerimenti li l-Kunsill irċieva fir-rigward ta' Triq Birżebbuġa, fejn ġie allegat li f'parti partikolari jsiru numru ta' inċidenti, minħabba sewqan eċċessiv. Ġie ssuġġerit li titwaħħal speed camera, jew isiru sleeping policemen, kif ukoll isir double yellow line bejn bejn Triq San Ġużepp u Triq G. Galizja

34.19.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsir double yellow line, fi Triq Birżebbuġa, bejn Triq San Ġużepp sa Triq G. Galizia.

## 34.20 Proġetti ta' Toroq – Fondi Ewropej.

34.20.1. Is-Sindku tkellem dwar l-istimi u l-pjanti tat-toroq li ġew suġġeriti mill-Kunsill sabiex jitranġaw permezz ta’ Fondi Ewropej, kif ukoll dwar ir-rapporti finanzjarji preparati mill-accountant tal-Kunsill relatati ma’ dan ix-xogħol.

34.20.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill jista’ jalloka madwar €100,000 għal dan il-proġett u għalhekk il-Kunsill kellu jillimita ruħu fl-għażla ta’ toroq.

34.20.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jissottometti applikazzjoni għal Triq il-Brolli.

## 34.21 Relazzjoni ta’ Hbiberija – Pingtan - Provinċja ta’ Fujian – Ċina

34.21.1. Is-Sindku tkellem dwar relazzjoni ta’ ħbiberija ma’ Pingtan, Provinċja ta’ Fujian, Ċina, proġett li qed isir mir-Reġjun Nofsinhar.

34.21.2. Is-Sindku informa li wara li nġabet l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sindku iffirma ftehim ta’ intenzjoni, liema kopja tiegħu ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri.

34.21.3. Is-Sindku informa li f’każ li t-taħdidiet jiżviluppaw, il-Kunsill jiddiskuti u jevalwa l-opportunitajiet.

## 34.22 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2016.

34.22.1. Is-Sindku għamel referenza għal Financial Statements 2016 hekk kif aġġustati wara rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri, liema dokument ġew iccirkolati mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

34.22.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier JBD favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements imsemmija f 34.22.1, ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 34.23 Proġett tal-WaterPolo Club

34.23.1. Il-Kunsill innota li, kif maqbul, saru laqgħat mal-avukat tal-Kunsill, mar-residenti, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-WaterPolo Club, fejn ġew diskussi diversi materji relatati mal-iżvilupp li qed isir.

34.23.2. L-operatur ppropona li l-ispazju pubbliku jkun ta’ circa 300m kwadru, isir investiment fuq l-ispazju msemmi permezz ta’ għamara tat-triq artistika. Iż-żona,

għalkemm pubblika, ser tkun responsabilta tal-klabb fejn jidħol tindif u manutenzjoni. Il-Kunsill innota wkoll li jsiru latrini pubbliċi fil-parti ta' fejn hemm il-gabbana.

34.23.3. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim għandu isir b'kuntratt mal-Kumitat u rappreżentanza tal-ministeru kkonċernat.

34.23.4. Il-Kunsill qabel li tiġi irtirata l-oġġezzjoni sottomessa lil PA, li tirrigwardja l-kwisjoni ta' l-art pubblika, suġġetta għal ftehim formali kif imsemmi, ġaladarba intlaħaq ftehim.

## 34.24 Applikazzjonijiet ta' Żvilupp

34.24.1. Il-Kunsill innota li ġiet sottomessa applikazzjoni bin-Numru PA/02054/17 li tirrigwardja żvilupp u estensjoni tas-sitt sular tal-Lukanda Water's Edge. Ma kienx hemm kummenti.

## 34.25 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.25.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 22 ta' Mejju 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju, 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |